Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 307/2014

**Anton u Maria Dolores konjugi Ferris**

**Vs**

**Silvana Ferris**

6 ta' Ottubru, 2017.

1. Permezz ta' rikors, l-atturi talbu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' tmint elef, hames mija u wiehed u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€8,571.55) ammont minnha dovut lill-atturi bhala sehma mis-somma ta' sbatax-il elf, mija u tlieta u erbghin Ewro u ghaxar centezmi (€17,143.10) imhallsa mill-konjugi Ferris lil Bank of Valletta p.l.c. fejn l-istess konjugi Ferris qaghdu bhala garanti tal-appellata ghall-imsemmija somma aktar u dan skond kuntratt ta' rahan iffirmat bejnek, bejn il-mittenti u bejn l-imsemmi Bank datat fil-25 ta' Marzu, 2005, u liema ammont ghadu pendenti sal-gurnata ta' dik il-kawza.

2. Il-konvenuta wiegbet illi hija m'hijiex il-legittimu kontradittur u ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju. Ziedet li l-kawza saret biex iddejjaq lill-konvenuta u dan minhabba li kienu kisbu titolu ezekuttiv kontra Mark Anthony Ferris ghall-ammont shih u jafu li ghandu bizzjjed fondi biex ihallas l-ammont kollu.

3. Permezz ta' sentenza tad-19 ta' Ottubru, 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimata u ddikjarat illi l-intimata Silvana Ferris m'hijiex il-legittima kontradittrici tal-atturi. Fis-sentenza l-qorti qalet li d-disposizzjoni rilevanti kien l-artikolu 1179(a) tal-Kodici Civili u u kkonkludiet:

   *"Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk il-konvenuta ghandha ragun tghid li hija mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u dan ghaliex il-kont in kwistjoni ma jghajjatx lilha, illi hija qatt ma tat il-kunsens taghha ghall-ftuh tieghu, qatt ma ffirmat bhala firmatarju tieghu u ghalhekk zgur li issa ma tistax tigi msejha sabiex thallas id-dejn li kien hemm f'dan l-istess kont".*

4. Il-konvenuti appellaw is-sentenza. L-aggravju hu li l-ewwel qorti ma kellhiex tikkonkludi li sehhet novazzjoni skont l-artikolu 1179 tal-Kodici Civili

ghaliex dak li sar ma kienx bil-kunsens ta' Mark Ferris.

5. Il-konvenuta wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. L-atturi harrku lill-konvenuta fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tigi kkundannat thallas is-somma ta' tmint elef hames mija u wiehed u sebghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€8,571.55) bhala sehemha minn self li qalu li hadet ma' zewgha Anton, u li thallset mill-atturi bhala garanti tas-self.

7. Mill-provi rrizulta li l-konvenuta u zewgha kellhom dejn mal-Bank of Valletta plc (*overdraft account* numru 40014153783 li nfetah fit-23 ta' Marzu, 2005). Fil-25 ta' Frar, 2008, il-konvenuta u zewgha sseparaw b'kuntratt pubblikat min-nutar Dr Clinton Bellizzi. Fil-kuntratt jinghad espressament li dan id-dejn fl-ammont ta' €18,634.99 jew bilanc iehor, ser jaghmel tajjeb ghalih Mark Anthony Ferris. Fil-fatt jirrizulta wkoll li fil-1 ta' Settembru, 2009 dan  dan il-kont inghalaq wara li fil-31 ta' Awissu, 2009 gie credited bis-somma ta' €17,638.01. Id-dejn li kien hemm gie trasferit ghall-kont iehor, din id-darba f'isem Mark Anthony Ferris biss (4001843038-9). Pero' fid-9 ta' Ottubru, 2009 il-kont inghalaq u dakinhar stess rega' nfetah overdraft *account* iehor f'isem il-konvenuta u zewgha (numru 40018513727). Madankollu ma jirrizultax li l-konvenut iffirmat biex infetah dan it-tielet kont. Roderick Abela kien il-manager tal-Bank of Valletta plc li kien ghalaq l-ewwel overdraft account, u spjega li:

> *"... ghal habta tax-xahar ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha kien gie jarani l-ufficcju Mark Ferris li dak iz-zmien kellu overdraft flimkien mal-mara tieghu Silvana Ferris u dan ghaliex kien jopera xi negozju ta' xi customs clearance jekk niftakar sew u kien qalli li kien hemm diffikultajiet fiz-zwieg taghhom tant li kienu waslu f'separazzjoni.* ***Fil-fatt qalli li huwa xtaq jiehu responsabbilta sabiex ihallas dan il-kont. Jiena dak il-mument ma sibtx oggezzjoni u ghalhekk saret transazzjoni li fil-31 ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha nghalaq l-overdraft originali li kien intestate f'isem il-konjugi Ferris u nfethet loan intestata biss f'isem Mark Ferris.*** *Jiena lil Mark kont tlabtu sabiex igibli dokumentazzjoni sabiex jipprova li effettivament kellu din il-problema fiz-zwieg u li kien qed jissepara. Pero'baqa' ma gabli l-ebda dokumentazzjoni. Attwalment ma nafx jekk gablix xi dokument pero' naf li ma rajtx l-ebda provvediment illi kien qed jassumi d-dejn hu personalment u ghalhekk jiena kkonsultajt mal-legal deparament taghna u fuq pari taghhom qalli biex nerga' nirriversja t-transazzjoni originali li kont ghamilt"*.

8. Hu evidenti li b'dak li sar fil-31 ta' Awissu, 2009 il-bank kreditur kien illibera lill-konvenuta mill-obbligi taghha fir-rigward tad-dejn. Kien Anton Ferris

stess, id-debitur l-iehor, li gharraf lill-bank li kien issepara minn mal-konvenut u li kien assuma d-dejn. Fil-fatt il-bank ghalaq l-overdraft account u fetah kont iehor intestate biss f'isem Anton Ferris, din id-darba bhala *consumer loan*. Hu evidenti li l-bank accetta dak li ried li jsir Anton Ferris. F'dak l-istadju l-konvenuta ma baqghetx debitrici tal-attrici u d-debitur sar biss Anton Ferris. Hu minnu li Mark Ferris xehed:

> *"Jien m'awtorizzajt l-ebda bank biex jiftah jew jaghlaq xi kont u ma ffirmajt l-ebda dokument f'dan is-sens"*.

Pero d-deposizzjoni ta' Roderick Abela hi konferma li kien Mark Ferris li qallu sabiex id-dejn jigi trasferit kollu f'ismu. Biex infetah kont iehor f'isem biss ta' Mark Ferris, probabbilment kien Ferris stess li talab li jsir hekk. Dan iktar u iktar meta tqies:

- fil-kuntratt ta' separazzjoni Mark Ferris assuma d-dejn tal-*overdraft account*.
- mhuwiex verosimili li l-Bank of Valletta plc ser jehles lill-konvenuta fuq inizjattiva tieghu.
- M'hemm l-ebda prova li tindika li dak li gara kien minhabba talba tal-konvenuta.

Hu veru li fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2016 Abela xehed:

> *"Mistoqsi min kien qalli li Mark Ferris kien issepara minn mal-mara meta jiena kont ftaht il-kont f'ismu nghid li effettivament din l-informazzjoni tahili missieru pero ma niftakarx jekk kienx fil-presenza ta' Mark jew le"*.

Madankollu l-ewwel darba li xehed qal car u tond li kien Mark Ferris li nfurmah bis-separazzjoni u qallu li ried jiehu r-responsabbilta tad-dejn wahdu (seduta tas-27 ta' Mejju, 2015). Il-qorti taraha ghal kollox inverosimili li Roderick Abela kien ser jaghmel dak li fil-fatt ghamel fuq talba tal-atturi, jew tal-konvenuta jew minn jeddu. Wara li l-qorti qrat l-atti m'ghandha l-ebda dubju li saret talba minn Mark Ferris li hu stess xehed:

> *"Kont tkellimt ukoll mal-manager tal-bank taz-Zejtun Roderick Abela. Impossibbli niftakar x'diskors sar ta' seba' snin ilu pero' zgur li jien qatt ma tajt xi awtorizazzjoni lil xi bank biex jinghalaq xi kont jew jinfetah iehor. Lanqas naf li effettivament sar dan li qed jigi suggerit"*.

Ghalkemm ix-xhud qal li *"qatt ma tajt xi awtorizazzjoni lil xi bank biex jinghalaq xi kont jew jinfetah iehor"*, ma jistax jitwemmen jekk hu stess qal li ma jiftakar x'diskors sar ma' Abela. Sahansitra ghall-qorti ghandha mill-inkredibbli d-dikjarazzjoni ta' Mark Ferris li lanqas ma kien jaf li l-ewwel *overdraft account* inghalaq.

Hu għalhekk għal kollox barra minn loku l-argument tal-atturi li *"... ma tressqet l-ebda prova li Mark Ferris b'xi mod taha l-kunsens tiegħu sabiex jinfetaħ it-tieni kont bankarju..."* Dak li sar bil-ftuħ tat-tieni kont f'isem Mark Ferris ma kienx aġir unilaterali tal-Bank of Valletta plc.

9. Fir-rikors tal-appell l-atturi argumentaw li hemm distinzjoni bejn, *"... li persuna turi x-xewqa li tħallas dejn u li persuna tagħti l-kunsens tagħha biex dak id-dejn jinqaleb fuqha ad eskluzjoni ta' persuni oħra, bħal kif donnha fehmet l-ewwel Qorti"*. Hawnhekk l-atturi qegħdin jilagħbu bil-kliem. Din il-qorti hi tal-fehma li l-uniku mod kif l-ewwel qorti kellha tinterpreta l-provi hu li effettivament Mark Ferris talab biex id-dejn jinqaleb f'ismu biss filwaqt li martu tinħeles mid-dejn. Dan wara kollox kien jirrifletti dak li Mark Ferris ftiehem ma' martu fil-kuntratt ta' separazzjoni. Fil-fatt dak hu li ġara fil-31 ta' Awissu, 2009.

10. Hu minnu li fid-9 ta' Ottubru, 2009 reġa' nfetaħ *overdraft account* ieħor f'isem Anton u Maria Dolores konjuġi Ferris. Madankollu hu evidenti li dan il-kont infetaħ mingħajr il-kunsens ta' Maria Dolores Ferris[1]. Haġa li ma kellha qatt issir u li ma tista' jkollha l-ebda konsegwenza legali fuq il-konvenuta. Roderick Abela stess xehed: *"Mistoqsi jekk bħala manager għandix l-ultimate authority tal-bank ngħid illi* (għandi) *discretionary limit fil-bank u dan l-ammont f'dan il-każ kien jaqa' taħt id-discretion tiegħi u għalhekk id-deċiżjoni tiegħi kienet waħda effettiva"*. Għalhekk dak li għamel Abela seta' jagħmlu minn jeddu, u hekk għamel. L-atturi m'għandhomx raġun fl-argument li l-Bank of Valletta plc qatt ma ddikjara l-volonta' li jeħles lil Silvana Ferris. Il-kuntrarju jirriżulta mid-deposizzjoni ta' Roderick Abela (seduta 27 ta' Mejju, 2015). Tant kien hemm din il-volonta' min-naħa tal-l-Bank of Valletta plc li fetaħ kont ieħor f'isem biss Mark Ferris. Hu minnu li fid-9 ta' Ottubru, 2009 Roderick Abela bagħat ittra lill-konvenuta u Mark Ferris fejn għarrafhom, *"Please note that due to administration purposes your overdraft account number has been changed from 40014153783 to 40018513727"*. Madankollu, fil-31 ta' Awissu 2009 il-konvenuta nħelset minn debitriċi tal-bank. Għalhekk Abela ma kellux jedd li iktar minn xahar wara jibdel fehemtu u jagħmel manuvra biex ireġġa' l-arloġġ lura mingħajr il-kunsens tal-konvenuta.

11. Ladarba kien hemm estinzjoni tal-obbligazzjoni fil-konfront ta' Maria Dolores Ferris, jekk xi żmien wara l-atturi ħallsu dejn ma kinux qegħdin iħallsu dejn ta' Anton u Maria Dolores konjuġi Ferris iżda dejn ta' Anton Ferris. Għalhekk il-leġittimu kontradittur tagħhom hu binhom.

---

[1] Joseph Caruana, uffiċjal tal-bank, xehed: *"Mistoqsi jekk hemmx xi firma ta' Silvana Ferris għal ftuħ ta' dan it-tieni kont, it-tielet kont ngħid li ma jirriżultalix li hemm"*.

12. L-atturi jsostnu li kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-ewwel qorti, f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda novazzjoni ai termini tal-artikolu 1179(a) tal-Kodici Civili[2]. Ir-realta hu li meta nfetah il-kont *consumer loan* f'isem Mark Ferris, minn *overdraft facility* id-dejn sar mutwu. Ukoll jekk wiehed ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel qorti li sehhet novazzjoni skont l-imsemmija disposizzjoni, xorta jibqa' l-fatt li b'dak li sar fil-31 ta' Awissu 2009 il-Bank of Valletta plc heles lill-konvenuta mill-obbligazzjoni. Dan proprju fuq talba ta' zewgha li bil-kuntratt ta' separazzjoni kien assuma dan id-dejn partikolari. **Dan ifisser li ddur fejn iddur fil-31 ta' Awissu 2009 sehhet l-estinzjoni tal-obbligazzjoni fil-konfront tal-konvenuta.** Ovvjament il-ftehim mal-bank kien li l-konvenut ser jibqa' d-debitur tant li dakinhar stess infetah il-kont *Consumer Loans* numru 4001843038-9 f'isem Mark Anthony Ferris b'debitu ta' €17,638.01, li wara kollox hu l-istess ammont li kien dovut fl-*overdraft account* meta nghalaq il-kont.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.**

Anthony Ellul.

[2] *"Hemm novazzjoni – (a) meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, illi jispicca".*